# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Settembru, 2020**

**Numru 2**

**Rikors Numru 1076/19TA**

**Desiree Parnis (K.I. Nru. 433486 M)**

**vs**

**Marco Aquilina (K.I. nru. 0532790 M)**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Desiree Parnis tat-8 ta' Novembru 2019 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

"Preliminari

1. In-nanna tar-rikorrenti ossija Maria Concetta Aquilina, kienet tipposjedi raba li jinsab fil-limiti tal-Madliena, il-Għargħur, liema raba huwa proprjeta' tal-Markiż Scicluna u/jew ta' Scicluna Estates.

2. Maria Concetta Aquilina mietet nhar l-1 ta' Jannar 2016 (**Dok. DP1**).

3. Jirriżulta li l-eredita' tal-imsemmija Maria Concetta Aquilina hija rregolata b'testment magħmul fit-3 ta' Lulju 2014, in att tan-Nutar Dottor Sarah Ann Agius (**Dok. DP2, Dok. DP3**).

4. Jirriżulta wkoll li fil-ħames artikolu tat-testment suċċitat, il-mejta Maria Concetta Aquilina, ħalliet lir-rikorrenti u lill-intimat f'ishma indaqs bejniethom prelegat ta' kwalunkwe kumpens li jingħata mill-Markiż Scicluna in konnessjoni mal-istess raba imsemmi aktar 'l fuq.

5. Jirriżulta u dan anke kif sejjer jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża, li l-imsemmi Markiż Scicluna għadda ammont ta' flus bħala kumpens għad-drittijiet li ġew ċeduti in konnessjoni mar-raba surriferit, lill-intimat Marco Aquilina.

6. L-intimat Marco Aquilina, naqas milli jinforma lir-rikorrenti bil-ħlas tal-kumpens li ngħatalu.

7. L-intimat Marco Aquilina, naqas li jgħaddi nofs dak li ingħatalu mill-Markiż Scicluna lir-rikorrenti, dan bi ksur tad-dispożizzjonijiet testamentarji tal-mejta Maria Concetta Aquilina.

8. Ir-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment.

<u>Raġuni tat-Talba</u>.

1. Għaldaqstant kellha ssir din il-kawża.

<u>Talbiet</u>:

**Jgħid għalhekk l-intimat 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċessarja u opportuna**:-

1. tiddikjara li l-intimat huwa obbligat iħallas ir-rikorrenti kwalunkwe kumpens li ngħatalu in konnessjoni mar-raba jinsab fil-limiti tal-Madliena, il-Għargħur, ai termini tal-ħames artikolu tat-testment ta' Maria Concetta Aquilina;

2. tillikwida l-kumpens ereditarju tal-prelegat kif imħolli fit-testment tal-mejta Maria Concetta Aquilina magħmul fit-3 ta' Lulju 2014, in atti tan-Nutar Dottor Sarah Ann Agius;

3. konsegwentement, tordna lill-intimat sabiex iħallas dik is-somma hekk likwidata skont it-talba preċedenti lir-rikorrenti.

**Bl-imgħaxijiet legali u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 1424/2019**."

Rat li l-konvenut Marco Aquilina debitament notifikat skont il-liġi fit-8 ta' Jannar 2020 baqa' qatt ma deher quddiem din il-Qorti u lanqas ma għamel risposta skont il-ligi biex għalhekk waqa' fi stat ta' kontumaċja.

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-Attriċi u lill-Attriċi nnifisha li xehdet fis-seduta tat-13 ta' Lulju, 2020;

Rat id-dokumenti u atti kollha tal-Kawża;

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza;

**Punti ta' fatti**

Maria Concetta Aquilina, in-nanna defunta tal-Attriċi, kienet tokkupa raba' fil-limiti tal-Madliena, il-Għargħur. Din ir-raba' hija propjeta' ta' Scicluna Estates. L-istess Maria Concetta Aquilina mietet fl-1 ta' Jannar 2016 (ara a' fol 5). L-eredita' tal-imsemmija hija regolata minn tesment magħmul fl-atti tan-Nutar Sarah Ann Agius tat-3 ta' Lulju 2014 (a' fol 10).

Fost id-disposizzjonijiet ta' dan it-tesment, fit-tieni parti tal-ħames artikolu, it-testatriċi, li tiġi ukoll omm il-Konvenut Marco Aquilina u li istitwiet bħala uniku eredi tagħha bis-saħħa tat-tielet artikolu tat-testment sudett, iddisponiet is-segwenti:

"Rigward ir-raba' li jinsabu l-Madliena fil-limiti tal-Gharghur f'Hal tminn li huma propjeta' tal-eredi tal-Markiz Scicluna, Scicluna's Estates, f'kaz li jinghata xi kumpens mill-Markiz Scicluna dan ghandu jinghata lil Marco Aquilina u Desiree Parnis f'sehem indaqs bejniethom".

Jirrisulta li Scicluna Estates fit-18 ta' Ottubru 2019 laħqu ftehim mal-Konvenut Marco Aquilina, fis-sens li jħallsuh mija u għoxrin elf ewro (€120,000), presumibilment biex l-art tiġi f'idejn Scicluna Estates vakanti. Ħamsin elf ewro (€50,000) tħallas u l-bilanċ jidher li għadu ma tħallasx (ara xhieda ta' Marcus John Marshall Scicluna a' fol 28).

Jidher li l-konvenut ma ta ebda sodisfazzjon lill-Attriċi dwar dan il-ftehim. B'konsegwenza ta' dan l-Attriċi kellha tagħmel din il-kawża biex tieħu sehemha minn dawn il-flus abbażi tad-disposizzjoni testamentarja fuq imsemmija.

**Konsiderazzjonijiet**

Kif diġa' intqal fil-bidu, il-Konvenut baqa' ma għamel ebda risposta u għalhekk baqa' kontumaċi. Iżda kif dejjem irritenew dawn il-Qrati, l-istat ta' kontumaċja mhux biss ma hux ammissjoni, iżda huwa fil-fatt kontestazzjoni tant li anke l-kontumaċi għandu dritt għall-appell (ara **Sentenza fl-ismijiet London Services Ltd -vs- Regina Bianca Limited, Qorti tal-Appell Superjuri tal-31 ta' Lulju 2003**). Dan ifisser ukoll, li min jagħmel il-Kawża xorta jrid jipprova l-pretensjonijiet tiegħu u mhux jistrieħ biss fuq il-fatt li l-Konvenut jinsab kontumaċi. Irid jingħad ukoll pero' li għalkemm fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2020, il-Qorti ikkonċediet ħmistax-il ġurnata żmien lill-Konvenut ai termini tal-artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jagħmel nota ta' sottomissjonijiet, għazel li ma japprofittax ruħu minn din il-fakolta'.

Sa fejn jirrigwarda lill-Attriċi dik id-disposizzjoni testamentarja tobbliga lil min jirċievi tali kumpens, iħallas nofs l-ammont tas-somma hekk riċevuta. It-testatriċi ma torbot lill-ebda persuna partikolari, iżda biss, li jekk jitħallas tali kumpens nofsu għandu jitħallas lill-kontendenti ugwalment. L-Attrici min-naħa l-oħra ma kellha ebda triq oħra ħlief li titlob dak li ddisponiet it-testatriċi kif hekk ġie stilizzat fit-testment minn nutar li rċieva u ppubblika t-testment.

Meta ntlaħaq il-ftehim tat-18 ta' Ottubru 2020 Scicluna Estates kienu korretti iħallsu lill-konvenut. Marcus John Marshall Scicluna għal Scicluna Estates xehed hekk: *"Ok. So I know Marco Aquilina because he had, he's involved in a land I own, and we were in Court with him, and we were going to come to an agreement with him and then at the end we did come to an agreement with him and I signed the contract with him, a private agreement on the 18th of October 2019."* (ara a' fol 27 ). Kif ingħad, il-konvenut kien l-eredi universali ta' ommu u bħala tali kien x'kien it-titolu li bih kien qiegħed jokkupa din l-art bih dan għadda għandu. L-obbligazzjon ta' ħlas fit-termini tad-disposizzjoni testamentarja mertu ta' din il-kawża hija *inter partes* u mhux di fronte ta' sid l-art.

Dak li riedet it-testatriċi kien, li meta jitħallas il-kumpens imsemmi, u f'dan il-każ dak li għandu jitħallas lill-konvenut, għandu jkun perċepit ugwalment bejn il-kontendenti. Wara li din il-Qorti semgħet lill-imsemmi Marcus John Marshall Scicluna u anke lill-Attriċ fis-seduta tat-13 ta' Lulju, 2020, din il-

Qorti hija konvinta li l-imsemmi Marco Aquilina kien qiegħed jaħrab lill-Attrici u ma ried jagħtiha ebda sodisfazzjon bl-iskop li jeludi d-disposizzjoni testamentarja fuq imsemmija. Din il-Qorti, anke mill-komportament tal-Attriċi waqt li kienet qed tixhed, sabet il-versjoni tagħha ta' kif ġraw l-affarijiet kredibbli għall-aħħar.

Il-Qorti sabet problema waħda. Għalkemm l-ammont li ftehmu fuqu Scicluna Estates u l-Konvenut huwa dak ta' mija u għoxrin elf ewro (€120,000), għadhom tħallsu biss ħamsin elf ewro (€50,000). Sal-jum tal-aħħar seduta, l-ammont bilanċjali ta' sebgħin elf euro (€70,000) għadhom fil-pussess ta' Scicluna Estates. Di fatti Marcus John Marshall Scicluna xehed hekk: *"The balance, still have the balance in my hand and I'm not in actual be advised by my lawyer who said listen there is all this tahwid going on, you nothing about it, deposit it in Court and call it a day because it is really, I mean, I don't upset anybody but I've got nothing to do with this."* (ara a' fol 28).

Dan ifisser li mhux l-ammont kollu ġie riċevut mill-Konvenut anke jekk skont il-ftehim huwa hu li għandu jirċievi l-ħlas.

Il-Qorti ma tistax għalhekk permezz ta' din il-Kawża tikkundanna lill-Konvenut nofs l-ammont ta' mija u għoxrin ewro. Dan qiegħed jingħad minkejja kull ftehim li sar mas-sid huwa l-konvenut li jrid jirċievi l-ħlas. Sal-lum dan il-ħlas għadu ma "ingħatax" kollu fis-sens tad-disposizzjoni

testamentarja mertu ta' din il-Kawża. Is-sid saħansitra qal li ser jgħaddi biex jiddeposita l-ammont bilanċjali.

Di piu' din il-Qorti ma tħossx li jkun ġust li tikkundanna lill-Konvenut iħallas nofs ammont li għadu ma rċeviex. Il-Qorti pero' tagħmilha ċara li l-Attriċi hija intitolata li tirċievi nofs l-ammont bilanċjali ta' sebgħin elf ewro (€70,000) meta dawn effettivament jitħallsu.

Dan ifisser, li fil-waqt li din il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel talba Attriċi, safejn jirrigwarda t-tieni u t-tielet talbiet dawn ser jintlaqgħu limitatment sa nofs l-ammont li l-Konvenut irċieva sa issa, u ċioe' dak ta' ħamsin elf ewro (€50,000). Dan mingħajr preġudizzju li l-Attriċi titlob il-ħlas tal-bilanċ.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq premessi din il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba** u tiddikjara li l-Konvenut huwa obbligat li jħallas lir-rikorrenti kwalunkwe kumpens li ingħatalu in konnessjoni mar-raba li jinsab fil-limiti tal-Madliena, il-Għargħur , ai termini tal-ħames artikolu tat-testment ta' Maria Concetta Aquilina.

**Tilqa' it-tieni talba** u tillikwida li l-kumpens, ai fini ta' din il-kawza, fl-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf ewro (€25,000) rappresentanti nofs l-ammont riċevut sa issa mill-Konvenut.

**Tikkundanna lill-Konvenut** iħallas lill-attriċi l-ammont ta’ ħamsa u għoxrin elf ewro (€25,000) bl-imgħaxijiet legali mill-presenti sal-pagament effettiv u dan mingħajr ebda preġudizzju għal kull azzjoni li jista’ għandha l-Attriċi għal kull somma oħra bilanċjali, li għad talvolta fadallha titħallas bħala kumpens kif fuq ingħad.

L-ispejjes tal-kawza a’ karigu tal-Konvenut.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**